# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 27 ta' Settembru, 2017**

**Talba Nru: 49/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Ghada Algibani (Passaport Numru 307298221GB)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin euro u hamsa u hamsin centezmi (€725.55) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq l-akkont numru AC51126352, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali 1516/15 tal-10 ta' Settembru, 2015 kontra l-istess konvenut ingunti in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba inkluz l-affidavit ta' Charmaine Psaila Raji (Dok. 'C' a fol. 9 tal-process).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ikkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-intimati sal-gurnata tal-lum.

Illi tali ammont jirrizulta wkoll mill-provi dokumentali prezentati mill-istess socjeta` attrici flimkien mal-avviz. Jirrizulta wkoll li l-ittra ufficjali msemmija fir-rikors ma gietx notifikata lill-intimat.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata salv li l-imghaxijiet relattivi ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika lill-intimat tal-avviz odjern u dana in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin euro u hamsa u hamsin centezmi (€725.55) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta'

komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta’ attrici lill-konvenut fuq akkont li jgib in-numru AC51126352 bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika lill-intimat tal-avviz odjern.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**